MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 92/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Angelo Giordimaina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 145961 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Novembru 2011 fil-jiem u xhur qabel, gewwa d-dar matrimonjali fond 345 Blossoms, Flat 1, Triq il-Htajriet, Mosta, fil-presenza ta' uliedu minuri
1. ingurja u/jew hedded bi kliem lil martu Mary Giordimaina, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2. u aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil persuna ta' martu Mary Giordimaina biza` li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti,

dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222 (1) tal-Kodici Kriminali;
3. talli fl-istess jum, jiem u xhur ta' qabel, fil-fond imsemmi gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil martu Mary Giordimaina meta kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal imsemmija persuna;
4. talli fl-istess jum, jiem u xhur ta' qabel, fil-fond imsemmi kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza datata lilu nhar il-5 ta' Lulju, 2011 mill-Magistrat Dr. A.J. Vella LL.D.
5. u aktar talli hu sar recidiv b'sentenza tal-Qorti moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A.J. Vella LL.D datata 5 ta' Lulju 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 251B(1), 339(1)(b), 251A(1)(a)(b), 412C(7), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tat-tieni, it-tielet u l-hames akkuzi u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma sabitux hati tal-ewwel u r-raba` akkuzi u ghaldaqstant illiberatu.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billii tikkonfermaha fejn il-Qorti sabet l-appellant m'hux hati u thassaraha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet kif indikat fis-sentenza u minnhom tilliberah skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

a. Illi l-ewwel u qabel kollox ghandu jigi sollevat li l-kwerelata tahdem bhala nurse biex b'hekk suppost ghandha sens tal-importanza ta' igene!
b. Illi meta l-istess kwerelata xehdet, halliet ghal kollox l-aspett li thalli l-kelb (letteralment) jaghmel li jrid fir-rigward il-bzonnijiet tieghu w tippretendi li l-membri tal-familja taghha joqghodu ghal dan! Illi din is-sitwazzjoni holqot tensjoni bla bzonn ghax la din is-sitwazzjoni hi inaccettabbli w l-istess kwerelata taf li din hi inaccettabbli, jekk ma jkunx hemm accettazzjoni ta' din is-sitwazzjoni l-istess kwerelata tikkonsidera kull oppozizzjoni bhala vjolenza theddid ecc meta fir-realta` l-problema hi l-istess kwerelata.
c. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta l-istess kwerelata giet rinfaccjata bir-ritratti w bis-stragi li qed jaghmel il-kelb fid-dar matrimonjali, hi issummat ghax inkixfet bil-verita` ta' l-istess ritratti fejn l-istess Magistrat sedenti ha idea ghal kollox differenti tas-sitwazzjoni w ra li fil-verita` l-kwerelata kienet qed tixxena l-boghod mill-verita`.
d. Illi filwaqt li dak li xehdet l-kwerelata ma inkwadratx ruhu fil-parametri tal-akkuzi, gie ppruvat li fil-fatt kien l-agir irresponsabbli w egoistiku ta' l-istess kwerelata li holqot u qed johloq tensjoni bla bzonn fejn anki mal-membri l-ohra tal-familja li qed ibatu minhabba l-imgieba taghha.
e. Illi di piu, l-istess kwerelata ammettiet li m'hux l-ewwel darba li hi tnaddaf il-hmieg tal-kelb meta jkun ghadda iktar minn nofs siegha minn meta jkun inqeda. Illi din l-ammissjoni estendiet ghall-fatt li meta l-istess kelb ikun inqeda l-acidita tal-lawrina taghmel hsara lill-ghamara liema haga hi ghal kollox inaccettabbli ghall-esponent imma jidher accettabli ghall-kwerelata li ma tantx trid taghti kaz imma tippretendi li kull membru tal-familja joqghod ghal din is-sitwazzjoni.
f. Illi filwaqt li gie ppruvat is-sens ta' rresponsabilita` tal-kwerelata, l-istess kwerelata qed tkun irresponsabbli lejn il-familja taghha fejn qed taghti iktar importanza lill-kelb milli l-familja taghha fir-rigward il-bzonnijiet taghhom liema haga giet ghal kollox injorata mill-kwerelata.
g. Illi ta' min jinnota li anki l-Ligijiet tal-Pulizija jaghtu importanza l-ewwel lill-bniedem illi animal ghax, il-ligi tifhima li annimali bl-ebda mod m'ghandhom jigu mahqura

imma huma qeghdin hemm biex jghinu lill-bniedem fejn il-bniedem ghandu jkollu precedenza fuq l-istess annimal liema principju, jidher ma japplikax fil-mentalita` w attitudini ta' l-istess kwerelata.
h. Illi fl-ahhar mill-ahhar fil-kwadru kollu tas-sitwazzjoni, l-esponent hu konxju mill-fatt li hemm minn naha tal-familja tal-kwerelata mara tieghu problemi psikici liema haga tispjega l-ghaliex l-kwerelata tagixxi b'dan il-mod u manjiera, iktar u iktar meta hu l-pjacir u gost taghha li anki torqod fis-sodda bil-kelb hdejha milli kif suppost.

Ikkonsidrat

Illi l-aggravju tal-appellant jista' jiġi sintetizzat bħala apprezzament żbaljat tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fil-fatt it-tmien paragrafi tal-aggravju mhumiex ħlief il-verżjoni tal-'fatti' li saħħew skont il-verżjoni tal-appellant. F'din il-verżjoni hemm is-sottomissjoni li dak li xehdet il-kwerelanti ma jinkwadrux ruħu fl-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Il-bqija tal-paragrafi huma kritika tal-aġir tal-kwerelanti.
Il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Mary Giordimaina xehdet li fil-11 jew 12 ta' Novembru 2011, waqt li kienet ħierġa mid-dar, l-appellant kien heddidha li jekk toħroġ, il-kelb ma kenitx ser issibu hemm għax isajjarhulha.. Għalhekk ċemplet lil ħabiba tagħha u qaltilha biex iżżomm il-kelb. L-appellanti, flok isakkarha ġewwa kif kien jagħmel qabel, issa qed iżommha bit-theddid dwar il-kelb. Dak inhar kien aggressiv u rrabjat. Mary Giordimaina qalet ukoll li l-karozza kienet qed tipparkjaha 'l bogħod mid-dar minħabba xi vendikazzjoni li seta' jagħmlilha.

Xehed ukoll Angelo Giordimaina xehed li l-mara kienet ħierġa u ma riditx tieħdu magħha, Allura kien qalilha biex tieħu l-kelb magħha għax il-kelb idejqu d-dar. Minħabba l-kelb kien qed jidħol f'ħafna spejjeż. Imbagħad l-appellant xehed dwar il-kontenut tar-ritratti, li, skont ix-xhud, juru xi ħsarat li għamlet il-mara jew il-kelb. Dan il-kelb kien ikkapparra kullimkien u saħansitra hija kienet torqod bil-

kelb magħha. Ix-xhud qal li lill-kelb ma jridux id-dar. Il-mara kienet tippreferi lill-kelb milli lill-appellant.

Fil-kontra-eżami x-xhud qal li hi ġieli għajritu u hu kien jgħajjarha. Huwa ċaħad li kien inġurjaha. Meta ġabet il-kelb kien qalilha biex ma ġġibux.

Minn din ix-xhieda jirriżulta li kien hemm okkażjoni fejn il-kerelanti ħassitha imbeżżgħa minħabba li l-appellant heddidha li ser isajrilha l-kelb. Din it-theddid żgur li taqa' taħt l-artikolu 251B tal-Kap 9 li jgħid hekk:

'Persuna li l-imġiba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu.......'

Żgur li l-kelb huwa propjeta' tal-kwerelanti u għalhekk kellha raġun tibża' li l-kelb jista' jsofri xi dannu serju.

Iżda min-naħa l-oħra, kif diġa' ntqal f'sentenzi oħra li ngħataw minn din il-Qorti diversament preseduta, l-artikolu 252B jinħtieġ 'a course of conduct' minħabba li jintuża l-kliem
'se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.' Il-kelma 'okkażjonijiet' qegħda fil-plural u għalhekk kif inhu redatt dan l-artikolu jinħtieġ li jkun sar aktar minn att wieħed li jnissel dan il-biża' li se tintuża vjolenza kontra l-persuna jew il-proprjeta' tiegħu. Il-Qorti issib aktar attendibbli l-verżjoni li tat il-kwerelanti dwar it-theddida marbuta mal-kelb iżda mix-xhieda jirriżulta li din saret f'okkażjoni waħda biss fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni. Tassew li l-kwerelanti xehdet ukoll li kienet qed tieħu prekawzjoni fejn tipparkja l-karozza għax kienet tibża' minn vendikazzjoni mill-appellant iżda minn imkien fix-xhieda tagħha ma jirriżulta li, fil-jiem iondikati fiċ-ċitazzjoni jew qabel, xi darba l-appellant heddidha li ser jagħmlilha ħsara fil-karozza. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati **tat-tieni** imputazzjoni.li tissemma.

Dwar it-tielet imputazzjoni li għandha l-kliem użat fl-artikolu 251A. Mix-xhieda jirriżulta li fil-jum imsemmi huwa kien irrabjat u aggressiv fil-konfront ta' martu u bil-mod kif

heddidha li jsajrilha l-kelb. Dan huwa kliem orrend u xejn ma juri rispett lejn is-sensitivita' tal-kwerelanti. Mix-xhieda ma tirriżulta ebda difiża li l-appellant seta' jagħti skont is-subinċiż (3) tal-artikolu 251A. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju li tolqot din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tilqa' biss dik il-parti tal-aggravju dwar is-sejbien ta' ħtija tal-imputazzjoni mmarkata numru (2). Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Frar 2012 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Angelo Giordimaina' billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-tielet u tal-ħames imputazzjoni, fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel u mir-raba' imputazzjoni u fejn illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sitt xhur u qed tirriformaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha qed tilliberah. Is-sitt xhur bil-kundizzjoni jibdew għaddejin mil-lum. Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi li jkun hemm jekk iwettaq reat ieħor f'dawn is-sitt xhur li ġejjin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------